Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAD-DSATAX-IL LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 24 ta' Ġunju 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.50pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | Sinjorina | YANICA CALLEJA |

Is-Sur Stefan Cordina talab sospensjoni tal-laqgħa u nforma lil kulħadd li għalkemm ikun hemm min jikkritika, l-Kunsill Lokali, waqt is-serata tal-*Awards* organizzata mill-Greenpak, rebaħ il-'*Best Door to Door Recycling Performance Award*' kif ukoll €1000 sabiex jintużaw fuq proġetti li għandhom x'jaqsmu mal-Ambjent.

1. ***APPROVAZZJONI TA' MINUTI***
 Approvati

2. **KORRISPONDENZA**
 🗁 E-mail mingħand is-Sur Reuben Sant fejn talab li jingħata isem lit-triq ġdida fi Triq l-Għenba, eżatt faċċata tal-iScotts Supermarket.

 Daħal fil-kamra is-Sur Gerald Borg (5.45pm).

 Is-Sur Alfred Zammit ippropona li tissemma għal xi Ex-Kunsillier kif kien qal is-Sur Gerald Borg f'laqgħat preċedenti. Is-Sur Stefan Cordina qal li hemm ċertu *guidelines* li jridu jiġu meqjusa. Is-Sur Cordina issuġġerixxa li tinżamm l-istess tema skond l-ismijiet tat-toroq tal-madwar. Hu kompla qal li kulħadd għandu jġib is-suġġerimenti tiegħu fil-laqgħa li jmiss.

 🗁 Email mingħand is-Sinj. Christina Said minn *The Government Property Department* fejn il-Kunsill qed jiġi mitlub jgħaddi l-kummenti tiegħu rigward applikazzjoni għal imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina ħdejn Jalies, Triq il-Knisja, Ħ'Attard. Is-Sur Stefan Cordina qal li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni. Dr Herbert Messina Ferrante qal li dan diġa' qed ikollu mwejjed u siġġijiet barra. Is-Sur Marco Spiteri qal li għandha tingħata ftit attenzjoni biex jekk il-Kunsill jgħid li m'għandux oġġezzjoni, ma jirċiviex oġġezzjonijiet min-naħa tar-residenti. Is-Sur Raymond Azzopardi staqsa jekk dawn l-imwejjed itellfux lin-nies li jkunu għaddejjin. Is-Sur Stefan Cordina kkonferma li ma jkun hemm l-ebda *obstruction.* Is-Sur Remigio Bartolo qal li jekk issir konsultazzjoni mar-residenti, ser ikun hemm min joġġezzjona anki jekk fil-preżent mhux qed itellfuhom. Is-Sur John Bonnici qal li biex jinħarġu l-imwejjed u s-siġġijiet irid isir ħlas u jkun hemm diversi restrizzjonijiet. Dr Herbert Messina Ferrante issuġġerixxa li għandha tintalab aktar informazzjoni fuq in-numru ta' mwejjed u siġġijiet li ser ikun hemm. Is-Sur Alfred Zammit qal li għandu jkun

hemm numru speċifiku ta' mwejjed fil-kummenti tal-Kunsill. Is-Sur Stefan Cordina u s-Sur Gerald Borg qalu li n-numru ta' mwejjed jiġi determinat min-naħa tal-*GPD*. Kulħadd qabel li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni u għandu jintalab in-numru speċifiku ta' mwejjed li ser ikun hemm.

🗁 Email mingħand is-Sur Anthony Tabone fejn issuġġerixxa li l-ħġieġ jibda jinġabar darba biss fix-xahar u jkun dejjem l-ewwel Ħamis tax-xahar. Is-Sur Stefan Cordina qal li jekk jiġi deċiż li jsiru xi tibdiliet, tal-parir li jsiru mis-sena d-dieħla u jkunu mmarkati fuq il-kalendarju l-ġdid. Is-Sur Marco Spiteri qal li darba fix-xahar ikun ftit wisq. Is-Sur Stefan Cordina staqsa jekk għandiex tinġabar il-borża s-sewda meta ma jinġabarx il-ħġieġ.

Daħal fil-kamra s-Sur Ralph Cassar (6.00pm)

Is-Sur Stefan Cordina spjega lis-Sur Ralph Cassar x'kien qed jiġi diskuss. Is-Sur Ralph Cassar qal li l-maġġoranza tar-residenti qed isegwu l-iskeda u ftit qed ikun hemm boroż suwed li jinħarġu l-Ħamis. Is-Sur Marco Spiteri qal li għandu jsir ġbir ta' ħġieġ darbtejn fix-xahar u jkunu dejjem l-ewwel u t-tielet Ħamis ta' kull xahar. Kullħadd qabel.

🗁 Email mingħand is-Sur Orlando Bonnici, President tal-Phoenix Sports Club. Is-Sur Stefan Cordina spjega li l-Loyola Basketball Club sar parti minn dan il-klabb. Is-Sur Cordina kompla jgħid li dan il-klabb għandu diversi tipi ta' sports fosthom *Handball* u *Swimming*. Hu qal li l-Kunsill għandu jagħti l-għajnuna tiegħu sabiex jingħata *exposure* lil dan il-Club billi jiġu nklużi fir-Rivista u anki jsiru xi *photocopies* ta' posters fl-uffiċini tal-Kunsill stess. Kulħadd qabel.

🗁 Żewġ talbiet sabiex jiġi provdut transport;

- 2 *coaches* li jammontaw għal madwar €153, lill-iSkola Primarja Tumas Dingli sabiex ikunu jistgħu iwasslu t-tfal mill-iskola għax-xatt fejn jirkbu l-Catamaran.
- Għas-Summer Club tal-Parroċċa sabiex kull ġimgħa joħorġu lit-tfal li jkunu qed jattendu.

Is-Sur Stefan Cordina, fuq parir tas-Segretarju Eżekuttiv qal li għal din is-sena minħabba l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, aħjar ma jiġux aċċettati. Is-Sur Remigio Bartolo qal li hu ma jaqbilx li għandna nirrifjutaw li ngħinu lill-iSkola Primarja wara li s-Surmast kien għadu kif aċċetta li jgħin lill-Kunsill fil-proġett tat-Twinning. Is-Sur Stefan Cordina qal li għal din id-darba għandha tiġi aċċetata t-talba min-naħa tal-iskola biss minħabba li lill-Parroċċa diġa' qed tingħata għajnuna. Is-Sur John P Bonnici qal li jaqbel ma' li qalu s-Sinjuri Cordina u Bartolo għax dejjem sibna għajnuna min-naħa tal-iSkola Primarja. Il-maġġoranza qablet. Is-Sur Gerald Borg qal li hu ma jaqbilx u l-Kunsill m'għandux jilqa' l-ebda talba.

🗁 Stima mingħand is-Sur Jesmond Caruana għal restawr ta' niċċa bl-istatwa ta' Santa Marija fi Triq il-Kbira. Is-Sur Stefan Cordina spjega li diġa' saret waħda fl-istess Triq minħabba li kienet fi stat ħażin u hemm proposta sabiex issir it-tieni waħda. Is-Sur Cordina qal li l-istima għal din in-niċċa hija ta' €250. Is-Sur Marco Spiteri staqsa jekk dawn humiex privati. Is-Sur Gerald Borg ikkonferma li huma privati. Is-Sur Remigio Bartolo qal li jekk din hija privata u ma ssirx mis-sid, ser ikun ir-raħal ta' Ħ'Attard li jitlef din it-tip ta' niċċa. Is-Sur Marco Spiteri qal li bil-liġi din mhux suppost issir. Is-Sur Gerald Borg qal li n-nicca mal-Ufficcju Parrokkjali fi Triq il-Kbira ghandha tigi restawrata mill-Kurja. Is-Sur Stefan Cordina qal li din hija wirt ta' Ħ'Attard. Is-Sur Remigio Bartolo qal li din jekk issir, ser issir għal benefiċċju tar-residenti kollha. Is-Sur Gerald Borg staqsa kif din ser tiġi tiswa aktar min-niċċa li diġa' saret meta hi iżgħar fid-daqs. Is-Sur Stefan Cordina qal li din fiha aktar xogħol xi jsir. Is-Sur Alfred Zammit qal li rħula oħra dawn in-niċeċ kollha qed isiru. Is-Sur Remigio Bartolo qal li l-Kunsill m'għandux ikun wieħed tal-bankini u t-toroq biss. Is-Sur Gerald Borg qal li meta kien membru fl-ewwel u t-tieni Kunsill tgħidx kemm kien sar xogħol ta' bankini u

toroq. Is-Sur Stefan Cordina qal li meta l-Kunsilli kienu għadhom jibdew, kellhom għajnuna ferm akbar min-naħa tal-Gvern Ċentrali u fil-preżent il-Kunsill irid ifendi għal rasu. Is-Sur Borg qal ukoll li l-Kunsilli ta' Bormla, Isla, Birgu, Kalkara, Furjana u l-Belt applikaw ghall-fondi tal-Unjoni Ewropja u rnexxilhom jiehdu. Is-Sur Remigio Bartolo qal li hu jaqbel li ssir din in-niċċa. Kulħadd qabel li minħabba li m'hemmx niċċa waħda biss fil-qalba tar-raħal, din għandha issir u fl-istess ħin is-Sur Remigio Bartolo ser jistaqsi lil MEUSAC jekk hemmx xi skema fejn il-Kunsill jista' jibbenefika minnha sabiex isiru l-kumplament. Is-Sur Ralph Cassar ippropona li jkellem lis-Sur Edward Said sabiex issir stima ta' kemm hemm bżonn li jsir xogħol fuq kull niċċa. Is-Sur Gerald Borg qal li ma jaqbilx li din in-niċċa għandha ssir. Il-kumplament tal-Kunsilliera qablu li ssir.

3. **RAPPORT *ELANCOURT TWINNING PROJECT***

Is-Sur Remigio Bartolo preżenta żewġ rapporti rigward il-proġett ta' Twinning u talab l-approvazzjoni ta' kulħadd sabiex jiġu ċirkolati lill-għaqdiet konċernati. Kulħadd qabel.

4. ***UPDATE* XOGĦOLIJIET**

Is-Sur Stefan Cordina qal li Ġnien l-Istazzjon ġie mneħħi l-apparat kollu mingħajr ħlas u fi żmien ġimgħatejn ser jiġi nsallat l-apparat il-ġdid. Is-Sur Cordina kompla jgħid li d-dawl fi Ġnien Ħal Warda ġie nstallat u l-ġnien qed ikun mixgħul. Hu Kompla jgħid li l-latrina ta' Ġnien il-Palma daqt tkun lesta wkoll. Is-Sur Marco Spiteri staqsa rigward ix-xogħolijiet fi Triq Xatbet l-Art. Is-Sur Stefan Cordina qal li hemm xi rapporti li jridu jiġu konklużi u jibda x-xogħol sabiex jitpoġġew planki fejn instabu l-oqbra u jiġi finalizzat ix-xogħol tat-tarmak.

5. **ĦRUĠ TA' TENDERS ĠUNJU 2013**

Is-Sur Stefan Cordina nforma lill-kulħadd li l-Kunsill ser joħroġ it-tenders għal *Patching Works*, *Insurance Services* u *Traffic Signs*. Is-Sinjorina Yanica Calleja spjegat li għal din is-sena, t-tender għar-road markings mhux ser joħroġ minħabba li mhux jintefqu ħafna flus fuq dan ix-xogħol. Is-Sur Stefan Cordina qal li s-sinjali l-ġodda isiru mill-KopTaSin u refreshing isiru mill-ħaddiema tal-IPSL. Hu kompla jgħid li waqt il-laqgħa tar-Reġjun, ġie propost li l-kontijiet għas-sinjali tat-toroq jitħallsu min-naħa tagħhom. Is-Sur Ralph Cassar qal li għandha tingħata mportanza liz-zebra crossings. Is-Sur Gerald Borg ippropona li kull 4 xhur għandu jsir refreshing. Is-Sur Marco Spiteri staqsa x'inhi s-sistema sabiex isiru l-parking bays. Is-Sur Stefan Cordina spjega li l-Kunsill jibagħat ittra lir-residenti kollha tat-triq fejn ikunu jistgħu jgħidu jekk jaqblux jew le. Dr Herbert Messina Ferrante ġibed l-attenzjoni rigward xi parking bays li qegħdin perikolużi. Is-Sur Stefan Cordina qal lil Dr Messina Ferrante biex imorru fuq il-post flimkien.

Is-Sur Gerald Borg staqsa jekk il-Kunsill jistax jibda jixtri t-tabelli u jitwaħħlu mill-ħaddiema tal-IPSL stess. Is-Sur Stefan Cordina qal li t-tabelli jinxtraw skond ir-rati tat-tender u ħafna drabi jiġu nstallati mill-ħaddiema. Is-Sur Marco Spiteri qal li l-aħjar li jinħareġ it-tender.

6. **APPROVAZZJONI TA' SKEDA TA' PAGAMENTI APRIL U MEJJU**

Is-Sur John P Bonnici wera x-xewqa li l-Kunsill jibda jixtri xi stationery mingħand il-ħanut K.D.S. Ħadd ma sab oġġezzjoni. Is-Sur Bonnici staqsa rigward kemm ilu l-kuntratt tal-leasing tal-Kia Carens u li wasal iż-żmien biex jinxtara. Is-Sur Stefan Cordina qal li m'għaddewx aktar minn sentejn. Is-Sur Ralph Cassar qal li *in the long run* il-Kunsill jaqbillu bis-sistema ta' *leasing*. Is-Sur Gerald Borg qal li hu ma jaqbilx u li fl-aħħar tal-kuntratt dan il-vann ser jiġi jiswa' lil Kunsill madwar €17,000. Is-Sur John P Bonnici staqsa xi jkun jinkludi l-kuntratt. Is-Sur Stefan Cordina qal li fil-kuntratt ikun hemm bħal insurance u liċenzja. Is-Sur John P Bonnici kompla jistaqsi rigward diversi pagamenti. Is-Sur Ralph Cassar issuġġerixxa lis-Sur Bonnici sabiex meta jkollu bżonn informazzjoni rigward pagamenti, għandu jitlob il-file tal-pagamenti

lis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur John P Bonnici qal li l-aħjar isiru pagamenti kull xahar skond id-data tal-invoice. Is-Sur Stefan Cordina u s-Sur Ralph Cassar qalu li dan ma jkunx jista' jsir minħabba li l-pagamenti isiru skond il-cashflow. Is-Sur Gerald Borg staqsa għalfejn il-Kunsill iħallas għal arloġġ tad-dawl temporanju sabiex jintuża waqt il-Horticultural Exhibition. Is-Sur Stefan Cordina spjega li din ilha ssir sabiex tingħata għajnuna lill-Banda La Stella Levantina minħabba li huma jkunu qegħdin jagħtu servizz b'xejn. Is-Sur Gerald Borg ma qabilx ma dan il-pagament u qal li dan għandu jitħallas mill-organizzaturi stess ta' din l-attivita'. Is-Sur Gerald Borg staqsa wkoll għalfejn il-Perit qed jitħallas issa għax-xogħol fi Triq il-Minġel. Is-Sur Stefan Cordina qal li dan ix-xogħol ilu għaddej is-snin u kien wasal iż-żmien li jitħallas. Is-Sur Gerald Borg talab ukoll li l-kontijiet tal-bukketti tal-fjuri għandhom ikunu itemised. Kulħadd qabel.

## 7. APPROVAZZJONI TA' QUARTERLY REPORT JAN-MAR 2013

Is-Sur Gerald Borg ġibed l-attenzjoni li l-flus mill-LES naqas b'mod sostanzjali. Is-Sur Marco Spiteri spjega li dan sar minħabba li issa m'għadhomx kumitati konġunti iżda reġjuni. Is-Sur Gerald Borg ippropona li niġu bl-istess sistema li għandhom il-Kunsill Lokali tal-Furjana. Is-Sur Marco Spiteri qal li għandhom jiġu provduti aktar dettalji ta' kif taħdem is-sistema. Is-Sur Stefan Cordina qal li mhux ser jaċċetta li jibdew jingħataw iċ-ċitazzjonijiet biex il-Kunsill idaħħal aktar flus. Is-Sur John P. Bonnici qal li meta kien mar ħdejn l-iskola mas-Sur Alfred Zammit u marru jindikaw lil sewwieq barrani sabiex ma jgħaddix minn Triq Ħal Warda, il-warden preżenti li kien qed ħdejn l-HSBC mar iwaqqafhom u għamlilhom rapport. Is-Sur Marco Spiteri qal li la l-Kunsill mhux qed ikollu income kbir miċ-ċitazzjonijiet, għandu jkun il-Kunsill stess li jindika lil warden fejn irid joqgħod. Is-Sur Stefan Cordina qal li l-wardens m'għadhomx ikunu ħdejn l-iskola minħabba li qed ikun hemm Pulizija. Il-*Quarterly Report* ġie approvat.

## 8. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Informa lil kulħadd li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser jitkellmu f'isem il-Kunsilli li għandhom taħt idejhom xi monti, għaldaqstant għalissa m'hemmx għalfejn issir Bye-Law.
- Informa lil kulħadd li waqt il-laqgħa tas-Sindki, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed jitkellmu mal-Onor. Jose' Herrera sabiex jaraw kif ser ikun hawn aktar inċentivi fil-ġbir ta' skart. Is-Sur Spiteri qal ukoll li skond l-Assoċjazzjoni, il-flus żejda li l-Kunsill ma kienx iħallas lil Wasteserv ser jiġu written off. Hu kompla jgħid li ser inkun hemm tip t'inċentiv li dak li jiġi frankat lil Gvern Ċentrali, ser jiġu mgħotija lura lill-Kunsill.
- Fakkar lil kulħadd li l-artikli għar-rivista jistgħu jaslu l-Kunsill sa mhux aktar tard mit-12 ta' Lulju 2013.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Fakkar rigward il-bozza fi Triq iż-Żagħfran. Is-Sinjorina Yanica Calleja qalet li qed issir korrispondenza kontinwa mal-Enemalta sabiex terġa' titwaħħal.

Dr Messina Ferrante ressaq dawn il-punti:

- Talab biex tinkines il-bankina fi Triq in-Nutar Zarb aktar ta' spiss minħabba li s-siġar qed iwaqqgħu ħafna żerriegħa. Is-Sur Ralph Cassar qal li l-kuntrattur għandu jibda jiġi aktar ta' spiss.

Is-Sur Gerald Borg ressaq dawn il-punti:

- Staqsa lis-Sur Stefan Cordina jekk hux problema biex isiru xi doggy bins. Is-Sur Marco Spiteri qal li kwalunkwe' xogħolijiet, għandu jiġi approvat mis-Sindku. Is-Sur Stefan Cordina qal li għalih mhux problema pero' m'għandux għalfejn jinqala' doggy bin minn Triq sabiex jitwaħħal x'imkien ieħor. Is-Sur

Gerald Borg ippropona li jeħel wieħed fi Triq San Duminku. Is-Sur Stefan Cordina qal li mhux problema.

- Staqsa rigward il-fence li talbet is-Sinjura Vitale waqt il-laqgħa ġenerali li saret fl-aħħar ta' Mejju 2013. Is-Sur Stefan Cordina qal li ser isir minn Mario Mallia. Is-Sur Gerald Borg staqsa għalfejn ma jsirx mill-ħaddiema tal-IPSL. Is-Sur Stefan Cordina qal li aħjar ngħidu lis-Sur Mallia għax jiġi aktar pulit ix-xogħol.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Talab biex issir manutenzjoni fuq iż-zebra crossing fi Triq il-Pitkali. Is-Sur Stefan Cordina qal li din ġiet irrappurtata lil Transport Malta.
- Talab sabiex issir laqgħa mal-Greenpak rigward l-Ekofesta.
- Talab biex jiġu identifikati ġranet speċifiċi sabiex ir-Refab jagħmlu l-ġabra tat-tessuti u jitniżżlu fil-kalendarju.
- Talab sabiex jiġu identifikati postijiet fejn jistgħu jitħawwlu siġar skond it-talba mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Marco Spiteri ippropona li l-Kunsill għandu jesponi l-Masġar taż-żebbuġ li hemm. Is-Sur Spiteri semma wkoll Triq l-Għarix kif ukoll wara Mt Carmel. Kulħadd qabel li s-Sur Alfred Zammit għandu jiċċekja min hu nkarigat mill-Industrial Estate sabiex jintuża l-Masġar taż-żebbuġ.
- Ippropona li l-Kunsill jerġa' jorganizza z-Zumba u jsir ir-reklam fuq ir-Rivista.
- Staqsa għal *update* rigward il-proġett fil-barriera. Is-Sur Stefan Cordina qal li s'issa ġiet issottomessa l-applikazzjoni.
- Informa lil kulħadd li s-Sur Lionel Cassola jista' jagħmel esibizzjoni tal-fotografija waqt Jum Ħ'Attard.
- Ippropona li ssir talba lis-Sovrantendenza tal-Wirt Storiku sabiex ikollna xi tip t'artiklu żgħir fuq il-fdalijiet li nstabu fi Ġnien Ħal Warda.

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Staqsa meta ingħalqet u meta ser tinfetaħ il-latrina fi Ġnien il-Palma. Is-Sur Stefan Cordina qal li x-xogħol beda qabel l-elezzjoni ġenerali u ser tinfetaħ il-ġimgħa d-dieħla.
- Talab sabiex jitħawlu xi siġar fi Ġnien il-Palma. Is-Sur Ralph Cassar ikkonferma li tħawwlu xi siġar fil-ġranet li għaddew.
- Ġibed l-attenzjoni rigward il-cats eyes fiz-zebra crossing ta' Triq il-Mosta minħabba li ma kinux qed jaħdmu. Talab ukoll jekk l-istess zebra crossing tistax issir hump. Is-Sur Stefan Cordina qal li t-Transport Malta ma tagħtix permess.
- Talab sabiex il-floodlight ta' din l-istess zebra crossing tiġi pożizzjonata aħjar.

Is-Sur John P Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Jissaqqew il-ġonna aktar ta' spiss. Is-Stefan Cordina qal li l-kuntrattur qed isaqqi kull nhar ta' Sibt filgħodu kmieni. Is-Sur Marco Spiteri qal li l-kuntrattur m'għandux jibqa' juża' bexx iżda cutter biss.
- Fakkar rigward it-tindif tal-passaġġ fi Triq l-Imdina. Is-Sinjorina Yanica Calleja kkonfermat li dan ġie mnaddaf fil-ġranet li għaddew.
- Talab biex jitħawwlu xi siġar fl-area tal-Housing Estate. Is-Sur Ralph Cassar talab lis-Sur Bonnici sabiex ilesti lista ta' postijiet sabiex is-siġar jitħawwlu għal Settembru/Ottubru.
- Fakkar rigward il-parking bays ta' ħdejn il-Knisja sabiex jiġu olterati. Is-Sur Stefan Cordina qal li għandu jikkuntatjah meta jkunu ser jiġu l-ħaddiema tal-Koptasin.
- Fakkar rigward ir-refreshing tal-linji fi Triq is-Salvatur. Is-Sinjorina Yanica Calleja kkonfermat li dawn saru.

- Staqsa jekk kinx hemm xi konferma min-naħa tal-Ambaxxatriċi Amerikana sabiex il-Kunsill jagħmel laqgħa uffiċċjali magħha. Is-Sur Remigio Bartolo qal li ser jerġa’ jfakkar lis-Segretarji tagħha sabiex ningħataw data.
- Staqsa rigward il-quotations tal-bozoz ġodda fi Triq Lorenzo Manche’ u Triq il-Wied ta’ Rmiedi. Is-Sinjorina Yanica Calleja qalet li kien hemm xi tibdil fl-approvazzjoni tal-Enemalta u l-kuntrattur għandu jlesti l-quotations fil-ġranet li ġejjin.
- Talab sabiex issir mera fi Triq l-Imdina faċċata tad-drive in tad-dar Marvic. Kulħadd qabel.
- Talab sabiex isir doggy bin fi Triq il-kbira ħdejn l-għajn tal-bhejjem minħabba li qed jintrema ħafna ħmieġ tal-klieb fil-bin li hemm preżenti. Is-Sur Stefan Cordina qal li diġa’ kellem lil kuntrattur u għandu jiġi jaħsel il-bins kollha.
- Ippropona li jsiru biċċiet taċ-ċeramika li jirrappreżentaw landmarks fir-raħal, li tkun tip ta’ mappa fl-istess ħin. Kulħadd qabel li għandhom jintalbu xi stimi.

**9. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-7.55pm għat-Tnejn, 22 ta’ Lulju 2013 fil-5.00pm.

________________________ Sindku

____________________ Data